MALTA

# BORD DWAR L-ARBITRAGG TAL-ARTIJIET MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 21/1984/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Vs**

**Dr Joseph Azzopardi u P.L. Carmen Depasquale nominati kuraturi deputati b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Gunju 1984, biex jirrapresentaw lis-sid jew sidien incerti ghall-Utili Dominju Perpetwu u b'nota tad-29 t'Ottubru 1990 l-Avv Dr Joseph Azzopardi assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju tal-assenti John Vella, Mary Carmen Reddy, Maria Rosina mart Carmel Cauchi, Mansueta sive Pauline mart Salvatore Farrugia u Emmanuel Vella lkoll ahwa Vella.**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta illi b'ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju 1984 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fejn fost

affarijiet ohra gie dikjarat li parti minn fond fil-Marsa bin-numru 1 Sqaq il-Haddieda tal-kejl ta’ 326.98 metri kwadri li tmiss mill-Majjistral u minn Nofsinhar ma toroq pubblici u mill-Lvant ma’ proprjeta ta’ Paul Scicluna w ohrajn, hija mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b’xiri assolut.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b’avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-parti tal-fond fuq imsemmija huwa ta’ erbat elef u tlett mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm4323.23,0) ghall-Utili Dominju Perpetwu kif jidher mir-rapporti tal-Perit Oscar Caruana Montaldo A & CE tal-10 ta’ Awissu 1981 u tat-3 ta‘ Mejju 1984 li estratti taghhom huma annessi mal-istess avviz ghall-Ftehim.

Illi l-intimati nomine ma rrispondewx ghall-Avviz ghall-Ftehem fiz-zmien li trid il-ligi u ghalhekk accettaw il-kumpens offert.

Ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera il-parti mill-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Frank Portelli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Artijiet jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-diposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 136).

Ra l-atti kollha tal-kaz specjalment:-

a) ir-rikors a fol 35 tal-istess atti u d-digriet relattiv a fol 36 ibid.

b) ir-rikors a fol 38 ibid u d-digriet mhux traskritt fl-istess pagna;

c) Ra n-nota tal-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala mandatarju tas-segwenti (fol 46 ibid) u li biha hu assuma l-atti bhala intimat u dan f'isem l-assenti John Vella, Mary Carmen Reddy mart Mimi, Maria Rosina mart Carmel sive Charles Cauchi, Manusueta sive Pauline mart Salvatore Farrugia u Emanuel Vella, lkoll ahwa Vella.

d) Ir-rikors tal-istess rikorrenti (fol 55 ibid), ir-risposta relattiva (fol 58 ibid) kif ukoll id-decisjoni preliminari moghtija fid-9 ta' Novembru 1992 (a fol 61 ibid).

e) Dak verbalizzat a fol 71 ibid minn fejn jidher, fost affarijiet ohra, li l-intimat nomine kien iddikjara li "l-intimati huma lesti li jaccettaw il-kumpens kif offert" kif ukoll dak verbalizzat a fol 72 u n-nota a fol 73 ibid.

f) Dak verbalizzat a fol 74, 75, 76, 77, 79, 80, 81, 83, 86 ,87 ibid kif ukoll in-nota a fol 85 ibid, id-digriet a fol 88 u 89 ibid oltre ir-rikors u digriet relattivi a fol 90 sa fol 97 ibid u fol 111A ibid.

g) Dak verbalizzat a fol 113 ibid fejn jinghad 'Deher Dr Joseph Azzopardi nomine u nforma lill-Bord li l-mandanti tieghu qed jaccettaw il-kumpens offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet".

Ikkunsidra

Illi, kif jidher mill-premess, ghandu jinghad, mill-bidu nett, illi f'zewg okkazjonijiet l-intimat nomine kien iddikjara li "l-mandanti tieghu qed jaccettaw il-kumpens offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet" (ara l-ahhar verbal f'dan is-sens a fol 113 tal-atti).

Ikkunsidra

Illi, pero', kif jidher mill-istess atti, kien gie kontestat il-mandat tal-Avukat Joseph Azzopardi sabiex jirrapresenta s-sidien attwali tal-post involut f'dan il-kaz. In rigward dan il-punt oltre li issir referenza ghad-digriet ta' dan il-Bord a fol 111A kif ukoll ghal dak dikjarat fir-risposta tal-intimat nomine a fol 97 ibid, ta' min isemmi li l-istess rikorrenti

kien gie ordnat li jressaq din il-kwistjoni, b'citazzjoni presentata fi zmien tletin jum quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan skond decisjoni ta' dan il-Bord, kif diversament presjedut (ara fol 64 u 65 ibid). Waqt, dawn il-proceduri, li jidher li ttawlu inutilment, ma ingieb xejn a konjizzjoni tal-Bord li, filfatt, saret din ic-citazzjoni.

Ikkunsidra

Illi, ghalhekk, ma jidhirx li hemm xi ostakolu sabiex tinghata din id-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa t-talbiet kif dedotti mill-istess rikors u:

a) jordna lill-intimat nomine sabiex jittrasferixxi favur ir-rikorrenti, b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-parti mill-fond bin-numru 1, Sqaq il-Haddieda fil-Marsa, skond kif minn fuq il-pjanta a fol 6 tal-atti liema pjanta ghandha tifforma parti integrali minn din id-decizjoni.

b) jiffissa l-kumpens relattiv li ghandu jithallas mir-rikorrenti lill-intimat nomine fl-ammont ta' Lm4540.00,0 kif risultanti mill-istima a fol 5 tal-atti.

c) jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Artijiet jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippubblika l-att relattiv fl-istess Dipartiment tal-Artijiet fit-8 ta' Jannar 2003 fid-9.00a.m.

d) jinnomina lill-Avukat Dottor Anthony Cutajar sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.

In rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg.